VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 102 tal-2017

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)

Regolamenti tal-2017 dwar il-Proċedura waqt l-Interrogazzjoni ta' Persuni Suspettati u Persuni Akkużati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 355AUA(8)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u tifsir.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 dwar il-Proċedura waqt l-Interrogazzjoni ta' Persuni Suspettati u Persuni Akkużati.

Kap. 9.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u tas-Subtitolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali li jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru, 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari matul iċ-ċaħda tal-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru, 2013 (L 294/1) "interrogazzjoni", skont id-Direttiva msemmija, ma tinkludix interrogazzjoni preliminari mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi li l-għan tagħha jkun li tidentifika l-persuna konċernata, li tivverifika l-pussess ta' armi jew kwistjonijiet simili oħra ta' sikurezza jew li tiddetermina jekk għandhiex tinbeda investigazzjoni, pereżempju waqt li jsir kontroll fit-triq, jew matul kontrolli regolari għall-għarrieda meta persuna suspettata jew akkużata ma tkunx għadha ġiet identifikata.

Proċedura li għandha tiġi segwita waqt interrogazzjoni.

2. (1) Ebda uffiċjal tal-pulizija ma għandu, fi kwalunkwe ħin, jagħmel jew jgħid xi ħaġa bl-intenzjoni li jiddiswadi persuna suspettata jew akkużata li hija intitolata għal għajnuna legali skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima 1 tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali milli tikseb assistenza legali.

Kap. 9

(2) Il-persuna suspettata jew akkużata li tagħżel li tagħmel użu minn assistenza legali ma tistax tiġi interrogata jew tkompli tiġi interrogata sa qabel ma tkun irċieviet tali assistenza legali sakemm ma jkunx hemm dewmien legalment awtorizzat skont dawn ir-regolamenti.

(3) Jekk avukat ikun ġie kkuntattjat u dan ikun qabel li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jipprovdi assistenza legali lil persuna ssuspettata jew akkużata, huwa għandu jattendi fil-post fejn il-persuna suspettata jew akkużata tkun detenuta jew arrestata fil-pront iżda mhux aktar tard minn sagħtejn wara li jkun aċċetta li jipprovdi assistenza legali. Jekk jgħaddu sagħtejn minn meta l-avukat qabel li jipprovdi assistenza legali u l-avukat jkun għandu ma wasalx fil-post fejn tkun meħtieġa l-assistenza legali, mingħajr ma tali dewmien ikun ġie awtorizzati minn uffiċjal tal-Pulizija ta' grad mhux inqas minn dak ta' Suprintendent, l-istennija għal iktar ħin għall-wasla tal-avukat għandha titqies li tikkawża dewmien mhux raġonevoli għall-proċess tal-investigazzjoni. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-uffiċjal li jinvestiga għandu jitlob lill-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Għassa biex jattendi minflok l-imsemmi avukat sabiex tibda l-interrogazzjoni. Ladarba l-interrogazzjoni tkun bdiet, ikun l-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Għassa li għandu jassisti lill-persuna suspettata jew akkużata u l-avukat li ma kienx wasal fi żmien sagħtejn minn meta ta l-kunsens biex jipprovdi assistenza legali m'għandhux jitħalla fil-kamra fejn tkun qeda sseħħ l-interrogazzjoni sabiex ma jinterrompix milli titkompla l-interrogazzjoni skond il-liġi.

(4) Uffiċjal li jinvestiga għandu jitlob il-parteċipazzjoni tal-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Għassa meta l-avukat tal-għażla tal-persuna suspettata jew akkużata:

(a) ma jistax jintlaħaq bit-telefon; jew

(b) ikun indika qabel li huwa ma jkunx jixtieqx li jiġi kkuntattjat; jew

(ċ) ikun irrifjuta li jipprovdi assistenza legali lill-persuna suspettata jew akkużata; jew

(d) jostakola l-interrogazzjoni xierqa tal-persuna suspettata jew tal-persuna akkużata.

(5) Qabel il-bidu tal-interrogazzjoni l-persuna suspettata jew il-persuna akkużata għandha jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat jew li tikkomunika bit-telefon mal-avukat li jirrappreżentaha għal massimu ta' siegħa, ħlief jekk uffiċjal tal-Pulizija ta' grad mhux inqas minn dak ta' Suprintendent jawtorizza żmien itwal għal konsultazzjoni bħal din.

(6) Waqt interrogazzjoni, l-avukat tal-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollu d-dritt li jagħmel mistoqsijiet lill-persuna suspettata jew lill-persuna akkużata bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali. Kwalunkwe risposta mogħtija mill-persuna suspettata jew mill-persuna akkużata lill-avukat tagħha u kull

Kap. 9.

VERŻJONI ELETTRONIKA

osservazzjoni li l-imsemmi avukat jista' jixtieq li tiġi reġistrata, relatati mal-mistoqsijiet li saru, it-tweġibiet mogħtija, kif tmexxiet l-interrogazzjoni, il-benesseri tal-persuna suspettata jew il-persuna akkużata u kwalunkwe informazzjoni oħra li l-avukat jqis meħtieġa sabiex ma jiġix ippreġudikat id-dritt għal proċess ġust li għandha tgawdi minnu skont il-liġi l-persuna suspettata jew l-persuna akkużata, għandhom ukoll jiġu reġistrati minn min jagħmel l-interrogazzjoni bil-miktub jew b'mezzi awdjoviżivi.

(7) Meta l-persuna suspettata jew akkużata tiddeċiedi li ma tridx assistenza legali jew tkun bidlet l-opinjoni tagħha dwar jekk tixtieqx assistenza legali, l-interrogazzjoni tista' tinbeda jew titkompla fl-assenza ta' avukat. Għandu jinżamm notament ta' dan il-fatt waqt l-interrogazzjoni jew permezz ta' mezzi awdjoviżivi jew bil-miktub meta ma jintużaw l-ebda mezzi awdjoviżivi u fil-preżenza ta' min jagħmel l-interrogazzjoni u xhud wieħed.

Mġiba mhux xierqa mill-avukat.

3. (1) Avukat ma jistax jaġixxi b'tali mod li jfixkel lil min jagħmel l-interrogazzjoni milli jkun jista' jagħmel mistoqsijiet kif suppost lill-persuna suspettata jew akkużata jew jinterrompi l-interrogazzjoni milli sseħħ. Lanqas ma għandu avukat iwieġeb mistoqsijiet f'isem il-klijent tiegħu jew jaġixxi bi kwalunkwe mod li jipprevjeni, jindaħal jew mingħajr raġuni jostakola l-interrogazzjoni xierqa tal-persuna suspettata jew tal-persuna akkużata jew jwaqqaf ir-risposti tal-persuna suspettata jew persuna akkużata milli jiġu reġistrati jew b'xi mod jfixkel kull att ta' investigazzjoni jew ġbir ta' provi.

(2) Min jagħmel l-interrogazzjoni, jekk ikun tal-fehma li l-avukat qed jaġixxi b'imġiba mhux xierqa waqt l-interrogazzjoni, għandu jwissi lill-avukat li jekk ma jġibx ruħu sewwa, allura min jagħmel l-interrogazzjoni jkollu jitlob lill-avukat sabiex jitlaq jew jitneħħa mill-kamra fejn qed isseħħ l-interrogazzjoni, jekk ikun hemm bżonn bil-forza.

(3) L-interrogazzjoni għandha, f'każ bħal dan, tiġi sospiża u għandu jissejjaħ avukat ieħor jew l-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Għassa biex jissostitwixxi l-imsemmi avukat. L-interrogazzjoni mbagħad titkompla fil-preżenza tal-avukat ieħor jew tal-Avukat għall Għajnuna Legali tal-Għassa:

Iżda s-sostituzzjoni ta' avukat b'avukat ieħor jew bl-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Ghassa għandha tkun permessa darba biss waqt l-interrogazzjoni sakemm Uffiċjal tal-Pulizija ta' grad mhux taħt dak ta' Suprintendent ma jawtorizzax aktar sostituzzjonijiet jew sakemm dawn is-sostituzzjonijiet addizzjonali ma jkunux awtorizzati mill-Maġistrat tal-Għassa. Meta sseħħ

VERŻJONI ELETTRONIKA

sostituzzjoni għar-raġunijiet previsti f'dan ir-regolament jew fejn il-persuna suspettata jew akkużata titlob assistenza legali wara l-bidu regolari tal-interrogazzjoni, l-uffiċjal li jinterroga ma għandhux ikun, minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, taħt obbligu li jinterrompi l-interrogazzjoni minħabba l-imsemmija sostituzzjoni jew it-talba tardiva għal aktar minn tletin minuta.

(4) F'dawk il-każijiet fejn avukat ikun ġie mitlub biex jitlaq 'il barra mill-interrogazzjoni, minħabba n-natura serja ta' tali deċiżjoni, min jagħmel l-interrogazzjoni għandu jinforma lill-Maġistrat tal-Għassa bil-miktub wara li tkun ġiet konkluża l-interrogazzjoni. Il-Maġistrat għandu jwettaq investigazzjoni u, jekk hu jasal għall-konklużjoni li kien hemm imġiba ħażina min-naħa tal-avukat, huwa għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għal kwalunkwe azzjoni dixxiplinari li tista' jidhrilha li għandha tieħu kontra l-imsemmi avukat.

Allegazzjoni ta' irregolarità fl-interrogazzjoni, eċċ.

4. Jekk l-avukat jallega li kien hemm xi irregolarità waqt l-interrogazzjoni, jew li kien hemm imġiba ħażina min-naħa min għamel l-interrogazzjoni, huwa għandu jippreżenta rapport bil-miktub lill-Maġistrat tal-Għassa fi żmien tmienja u erbgħin siegħa mill-konklużjoni tal-interrogazzjomni jew minn meta kien mistoqsi biex jitlaq 'il barra mill-interrogazzjoni jew minn meta huwa ddeċieda li jitlaq 'il barra mill-interrogazzjoni. Il-Maġistrat għandu jinvestiga tali rapport u jieħu dik l-azzjoni li jidhirlu pertinenti fiċ-ċirkustanzi u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, huwa għandu, jekk huwa jqis li dan ikun ġustifikat, jippreżenta r-rapport tiegħu fil-atti tal-proċedimenti relattivi għall-persuna suspettata jew akkużata jew jirrapporta l-kwistjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali jew jieħu ż-żewġ miżuri msemmija.

Post u tmexxija tal-interrogazzjoni.

5. (1) L-interrogazzjonijiet għandhom isseħħu fi kmamar għall-interrogazzjonijiet li huma adegwatament msaħħna jew imkessħa, skont kif ikun il-każ, kif ukoll adegwatament mdawlin.

(2) Il-persuna suspettata jew akkużata, inkluż l-avukat tagħha, ma għandhomx jkunu meħtieġa li joqodu bil-wieqfa waqt l-intervista, iżda għandhom jiġu mitluba jpoġġu bilqegħda.

(3) L-interrogazzjoni għandha ssir kif ġej:

(a) min jinterroga għandu l-ewwel jistaqsi mistoqsijiet lill-persuna suspettata jew akkużata;

(b) sakemm ma tiddeċidix li teżerċita d-dritt tagħha għas-silenzju, il-persuna suspettata jew akkużata għandha tirrispondi għall-mistoqsijiet magħmula lilha jew għal dawk il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

mistoqsijiet li ma jinkriminawhiex;

(ċ) l-avukat għandu, jekk iqis li jkun xieraq li jagħmel hekk, jagħmel mistoqsijiet lill-persuna suspettata jew akkużata wara li min jagħmel l-interrogazzjoni jkun ikkonkluda l-interrogazzjoni jew jagħmel kull osservazzjoni li l-avukat jista' jixtieq li jirreġistra fir-rigward tal-mistoqsijiet magħmula, it-tweġibiet mogħtija, kif tmexxiet l-interrogazzjoni, il-benesseri tal-persuna suspettata jew il-persuna akkużata u kwalunkwe informazzjoni oħra li l-avukat jqis meħtieġa sabiex ma jiġix ippreġudikat id-dritt għal proċess ġust li għandha tgawdi minnu skont il-liġi l-persuna suspettata jew il-persuna akkużata;

(d) l-avukat għandu joqgħod lura milli jinterrompi lil min jagħmel l-interrogazzjoni milli jagħmel mistoqsijiet matul it-twettiq tal-intervista sakemm min jagħmel l-interrogazzjoni ma jippermettix espressament l-interruzzjoni;

(e) l-iskop tal-intervista huwa li jistabbilixxi l-verità rigward ġiex imwettaq jew le reat kriminali. Għalhekk mhuwiex xieraq u ipprojbit li matul l-interrogazzjoni wieħed jidħol f'dibattiti legali jew sottomissjonijiet legali għax dawn għandhom jiġu riservati għal waqt il-proċedimenti fil-qorti.

Informazzjoni ġenerali li għandha tingħata lill-persuna suspettata jew lill-persuna akkużata. Kap. 9.

6. (1) Barra minn dak li hu previst bl-artikolu 355AUA (4) tal-Kodiċi Kriminali, il-persuna suspettata jew akkużata, qabel ma tiddeċiedi jekk għandhiex tfittex assistenza legali, għandha tiġi infurmata bl-identità tal-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Għassa sabiex il-persuna suspettata jew akkużata tista' tiddeċiedi lil min tagħżel, jekk hi tagħżel li tkun assistita minn avukat, jiġifieri, jekk tagħżel avukat tal-għażla tagħha stess jew l-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Għassa.

(2) Jekk il-persuna suspettata tirrifjuta li tagħżel avukat tal-għażla tagħha jew l-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Għassa, għandu l-uffiċjal li investiga jista' jipproċedi bl-interrogazzjoni bħallikieku l-persuna suspettata rrifjutat li tkun rappreżentata waqt l-interrogazzjoni.

Regoli li għandhom ikunu segwiti meta intervista hija irrekordjata b'mezzi awdjoviżivi.

7. (1) Meta l-interrogazzjoni hija rrekordjata b'mezzi awdjoviżivi, għandhom jiġu segwiti r-regoli li ġejjin:

(a) kameras għandhom jitqiegħdu fil-kamra tal-interrogazzjoni sabiex tiġi żgurata kopertura tal-kamra sħiħa kemm ikun prattikament possibbli waqt li jsiru l-interrogazzjonijiet;

(b) sinjal jew indikatur li huwa viżibbli għall-persuna

VERŻJONI ELETTRONIKA

suspettata jew il-persuna akkużata għandu jintwera meta t-tagħmir tal-irrekordjar f'forma viżwali jkun qed jirrekordja;

(ċ) meta l-persuna suspettata jew akkużata tiddaħħal fil-kamra tal-interrogazzjoni, min jinterroga għandu mingħajr dewmien, iżda b'mod li l-persuna suspettata jew akkużata tista' tara x'qed jiġri, jixgħel it-tagħmir tal-irrekordjar biex jibda' jirrekordja. Għandu jintneħħa t-tgeżwir ta', jew jinfetaħ, il-mezz tal-irrekordjar fil-preżenza tal-persuna suspettata jew akkużata;

(d) min jinterroga għandu mbagħad jinforma lill-persuna suspettata jew persuna akkużata formalment dwar it-tagħmir tal-irrekordjar f'forma awdjoviżiva u jindika s-sinjal jew l-indikatur li juri li t-tagħmir tal-irrekordjar huwa attivat u qiegħed jirrekordja. Min jinterroga għandu:

(i) jispjega li l-interogazzjoni qed tiġi rrekordjata viżivament,

(ii) jagħti ismu u l-grad jew kariga tiegħu, u dak ta' kwalunkwe peruna oħra preżenti li tinterroga,

(iii) jistaqsi lill-persuna suspettata jew akkużata u lill-avukat tagħha, sabiex jidentifikaw lilhom infushom,

(iv) jiddikjara d-data, il-ħin tal-bidu u l-post tal-interrogazzjoni, u

(v) jiddikjara li l-persuna suspettata jew akkużata ser tingħata fit-tmiem tal-interrogazzjoni *recording* oriġinali tal-interrogazzjoni għall-użu tiegħu;

(e) l-interruzzjonijiet waqt interrogazzjoni għandhom jiġu rrekordjati b'tali mod li l-irrekordjar għandu jikkostitwixxi stampa awtentika u vera ta' x'ikun ġara matul l-interrogazzjoni; u

(f) jekk persuna suspettata jew akkużata jkollha taġixxi b'mod mhux xieraq waqt l-interrogazzjoni, tali mġiba għandha wkoll tiġi rrekordjata u għandha tingħieb bħala prova sabiex tikkostitwixxi stampa awtentika u vera ta' kull ma jkun ġara matul l-interrogazzjoni.

(2) Meta jiġu wżati mezzi awdjoviżivi għall-irrekordjar ta' interrogazzjoni, kull *recording* bħal dan għandu jkun ammissibbli bħala prova, mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità oħra, sakemm il-persuna suspettata jew il-persuna akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-*recording* mhujiex *recording* oriġinali u li jkun ġie

VERŻJONI ELETTRONIKA

mbagħbas.

(3) Ma hemm bżonn li ssiri ebda traskrizzjoni tar-*recording* meta dan jintuża fi proċeduri quddiem xi qorti tal-ġustizzja sakemm il-qorti ma tordnax mod ieħor għal raġunijiet li jiġu ddikjarati fid-digriet tagħha li jawtorizza t-traskrizzjoni. Lanqas ma hemm bżonn li l-persuna suspettata jew il-persuna akkużata tiffirma xi dikjarazzjoni bil-miktub magħmula wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ladarba l-mistoqsijiet kollha u tweġibiet, jekk ikun hemm, ikunu rrekordjati fuq mezzi ta' tagħmir awdjoviżiv.

(4) Meta *recordings* ta' interrogazzjonijiet jiġu esibiti fil-qorti u l-qorti tordna t-traskrizzjoni tagħhom skont is-subregolament (3) dik it-traskrizzjoni għandha ssir mir-Reġistratur tal-Qrati u kopja tagħha għandha tingħata lill-partijiet kollha fil-proċedimenti.

(5) Il-qorti ma tistax tordna lill-Pulizija Eżekuttiva biex tagħmel it-traskrizzjoni msemmija fis-subregolament (3).